Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,294, 2 ta' Awwissu, 2024

Taqsima B

A.L. 181 tal-2024

ORDINANZA DWAR IĊ-ĊERTIFIKATI TAL-KONDOTTA (KAP. 77)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw l-Ewwel u r-Raba' Skedi li jinsabu mal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 tal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw l-Ewwel u r-Raba' Skedi li jinsabu mal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Ewwel u r-Raba' Skedi li jinsabu mal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "l-Ewwel Skeda" u "r-Raba' Skeda" rispettivament.

Kap. 77.

Jemenda l-Ewwel Skeda.

2. L-Ewwel Skeda għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) Il-Formula A tagħha għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) il-kliem "PULIZIJA TA' MALTA ĊERTIFIKAT TAL-KONDOTTA" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ĊERTIFIKAT TAL-KONDOTTA TA' MALTA";

(ii) il-kliem "Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Uffiċċju tal-Kondotti u Rekords Kriminali"; u

(iii) il-kliem "Kummissarju tal-Pulizija" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Direttur, Dipartiment tal-Ġustizzja fi ħdan il-Ministeru responsabbli għall-Ġustizzja"; u

(b) il-Formula B tagħha għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) il-kliem "PULIZIJA TA' MALTA" għandhom jiġu mħassra;

(ii) il-kliem "Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Uffiċċju tal-Kondotti u Rekords Kriminali"; u

(iii) il-kliem "Kummissarju tal-Pulizija" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Direttur, Dipartiment tal-Ġustizzja

fi ħdan il-Ministeru responsabbli għall-Ġustizzja".

Jemenda r-Raba' Skeda.

3. Fir-Raba' Skeda, il-kliem "mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mingħand id-Direttur, Dipartiment tal-Ġustizzja fi ħdan il-Ministeru responsabbli għall-Ġustizzja".